**23 ta’ Marzu**

**Tifkira ta’**

S. TURIBJU TA’ MONGROVEJO, ISQOF

Twieled fi Spanja għall-ħabta ta’ l-1538, u studja d-dritt f’Salamanka. Ħatruh isqof ta’ Lima fl-1580 u mar l-Amerika. Mimli ħeġġa appostolika, sikwit laqqa’ sinodi u konċilji li mexxew ħafna ‘l quddiem il-ħajja reliġjuża f’dik l-art kollha. Iddefenda b’qawwa kbira l-jeddijiet tal-Knisja, ħaseb bla heda għall-merħla afdata f’idejh u kien sikwit iżurha, u ħabrek ħafna wkoll għall-aboriġeni. Miet fl-1606.

**Fit-Tifħir ta’ sbiħ il-jum**

Ant. Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta’ Missierkom li jitkellem fikom.

Talba

O Alla, int kabbart il-Knisja tiegħek bil-ħidma appostolika ta’ l-isqof Turibju u bil-ħeġġa tiegħu għall-verita’; agħmel li l-poplu ikkonsagrat lilek jikber dejjem iżjed fil-fidi u l-qdusija. B’Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. Dan hu l-amministratur fidil u għaqli, li s-Sid qiegħdu fuq in-nies tad-dar, biex jagħtihom l-ikel f’waqtu.